MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 546/2002

**V.J. Salomone (Equipment) Ltd**

**vs**

**Desmond Scerri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,500 liema somma tirraprezenta prezz mhux imhallas ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata, kif jirrizulta minn kopja tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet annessi mal-avviz bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid tat-3 ta' Settembru 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok A a fol 2 tal-atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Frar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,500.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-tnejn (2) ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tat-3 ta' Settembru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------